MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

# AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

7 ta' Novembru 2024

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qed toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tinforma lill-pubbliku li l-kummerċjant:

**Sami Alsalh**

ma onorax deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi li ordnah iħallas lura lill-konsumatur is-somma ta' elfejn, erba' mija u ħamsin ewro (€2,450), rappreżentanti l-ammont imħallas mill-konsumatur, parti minnu għal balavostri u permessi marbuta ma' dan ix-xogħol, u parti oħra f'penali relatati mal-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet.

Ix-xogħol kellu jikkonsisti f'kisi u tibjid, bdil ta' balavostri u ristrutturar tal-faċċata, u kellu jitlesta f'ħames ġimgħat. Il-kummerċjant beda x-xogħol billi qala' xi wħud mill-balavostri oriġinali, iżda waqaf wara ftit jiem, u kkawża periklu strutturali fil-propjetà tal-konsumatur. Minkejja li l-konsumatur kien diġa' ħallas xi pagamenti, ix-xogħlijiet miftiehma qatt ma tkomplew.

Il-kummerċjant ġie wkoll ordnat iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)